MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## DENNIS MONTEBELLO

Seduta tat-28 ta' Marzu, 2003

Avvi$Z Numru. 795/2001/1

Avviz Nru:-795/01DM

Angelo u Margerita konjugi Attard

Vs

Anthony Attard u Maria Carmela sive Marlene mart l-istess Anthony Attard

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta' liema l-atturi talbu il-kundanna tal-konvenuti  solidalment ghall-hlas ta's-somma ta' tlett elef u hames mitt lira (Lm3,500) flus lilhom mislufa mill-atturi u li z-zmien meta kellhom jigu restitwiti lilhom illum skada; dan kif jirrisulta wkoll minn skrittura privata li kopja taghha giet esibita mal-avviz bhala Dok A.

Bl-ispejjez u bl-imghax legali mid-29 ta' Gunju 1996 kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta Maria Carmela sive Marlene Attard fejn eccepiet illi :

1 Preliminarjament l-esponenti teccepixxi li hija qatt ma kienet edotta mill-ezistenza tal-iskrittura *de quo*, esibita fl-atti tal-kawza odjerna, u ghaldaqstant, ghandha tigi liberata mill-osservanza tal-gudizzju;
2 Minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalunkwe dejn li dahal ghalih zewgha, ghandu ikun onorat minn zewgha biss, u ghaldaqstant, ghandha tigi wkoll liberata mill-osservanza tal-gudizzju;
3 Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenut Anthony Attard fejn eccepixxa illi:

1 In linea preliminari, il-preskrizzjoni ta' hames snin a tenur tal-Art. 2156 (e) u (d) tal-Kodici Civili, Kap 16, billi l-iskrittura ta' self li fuqha hi bazata l-azzjoni tirrisali ghad 29 ta' Novembru, 1994;
2 Subordinatament u bla pregudizzju ghall-ewwel eccezzjoni, in-nullita' tas-self allegat billi dan ma sarx bl-intervent u partecipazzjoni taz-zewg konjugi kemm min-naha tal-attur kif ukoll min-naha tal-konvenut, kif jesigi l-Art 1322 (2) u (3) (f) tal-Kap 16, stante li tali self kien jikkostitwixxi att ta' amministrazzjoni straordinarja li suppost gie ezercitat miz-zewg konjugi flimkien fuq iz-zewg nahat.
3 Subordinatament l-ammont mitlub fl-avviz f'kull kaz mhux dovut.

Rat il-verbal tat-22 ta' Mejju 2002 fejn id-difensur tal-atturi rrefera ghal Artikolu 1078 tal-Kodici Civili li jipprovdi li l-kreditu kien ezigibbli fis-sena 2000 u fejn, ghar-rigward taz-zewg eccezzjonijiet l-ohra, ghamel riferenza ghal Artikolu 1326 tal-Kodici Civili.

Rat il-verbal tas-6 ta' Novembru 2002 fejn id-difensuri tal-kontendenti talbu li tinghata sentenza dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-kontendenti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Illi din is-sentenza hija limitata ghall-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, Anthony Attard, fejn eccepixxa l-preskrizzjoni ta' hames (5) snin a tenur tal-Artikolu 2156 (e) u (d) tal-Kodici Civili u fejn sosstna illi dan it-terminu beda jiddekorri mid-29 ta' Novembru 1994.

L-azzjoni li fil-fatt qeghedin jezercita l-attur hija ntiza li twassal ghal kundanna tal-konvenuti sabiex ihallsu s-somma ta' Lm3,500 (tlett elef u hames mitt lira Maltin) mislufa lilhom u rizultanti minn skrittura privata, flimkien ukoll mal-hlas ta' l-imghaxijiet mifthema fuq is-somma moghtija b'self.

Ghaldaqstant hija definittivament applikabbli l-preskrizzjoni ta' hames (5) snin kontemplata mill-Artikolu 2156 (d) u (e) billi dan l-Artikolu espressament jirreferi ghall-azzjonijiet ghar-radd ta' flus moghtija b'self, jekk is-self ma jirrizultax minn att pubbliku, u ghall-azzjonijiet ghall-hlas ta' imghaxijiet ta' somom mehuda b'self.

Izda dak li ghandu jigi detterminat minn din il-Qorti huwa z-zmien ezatt minn meta jibda jiddekorri dan it-terminu ta' preskrizzjoni ta' hames (5) snin.

Filwaqt illi l-konvenut isosstnu illi dan it-terminu beda jiddekorri mid-data tal-iskrittura tad-29 ta' Novembru tas-sena 1994, l-atturi jsosstnu illi l-perjodu tal-preskrizzjoni jibda jiddekkorri f'dak iz-zmien illi fih l-obbligazzjoni kellha tigi ezegwita.

Evidentement jekk ma jkunx ghadu wasal iz-zmien li fih il-kreditur jkun jista' jezigi l-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni,

jsegwi li d-dritt ta’ azzjoni tal-kreditur jkun ghadu ma jistghax jigi ezercitat. Ghaldaqstant il-kreditur jkun prekluz milli jezercita’ l-azzjoni qabel iz-zmien li fih jkun jista’ jezigi l-ezerkuzzjoni tal-obbligazzjoni.

Izda, billi fil-ftehim bejn il-kontendenti ma kienx gie stipulat xi terminu li fih kellha tigi esegwita l-obbligazzjoni, wiehed irid jirrikorri ghal provvedimenti tal-Artikolu 1078 tal-Kodici Civili sabiex jista’ jigi detterminat iz-zmien li fih saret ezegwibbli l-obbligazzjoni u ghalhekk jigi determinat iz-zmien li fih l-atturi setghu jezercitaw l-azzjoni minn meta zmien setgha jibda jiddekorri t-terminu ta preskrizzjoni ta’ hames (5) snin.

L-Artikolu 1078 tal-Kodici Civili jipprovdi li “jekk iz-zmien ghall-ezekuzzjoni tal-obbligazzjoni jkun gie mholli fir-rieda tad-debitur, jew jekk jkun gie miftihem illi d-debitur ghandhu jezegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista’, jew meta hu jkollu l-mezzi biex jezegwiha, ghandhom jitharrsu r-regoli li gejjin:
(a) jekk l-obbligazzjoni ghandha bhala oggett taghha hlas ta’ somma ta’ flus, dik ghandha tigi ezegwita fi zmien sentejn jekk dik is-somma ghandha tinghata minghajr imghax jew fi zmien sitt (6) snin jekk is-somma ghandha tinghata bl-imghax”.

Ghalhekk billi l-iskrittura bejn il-kontendenti espressament tipprovdi illi d-debitur
kellu jezegwixxi l-obbligazzjoni meta jkun jista’, u billi l-istess skrittura tipprovdi wkoll li s-somma mislufa ghandha tinghata bl-imghax miftihem ta’ 5% (hamsa fil-mija), iz-zmien li fih l-obbligazzjoni kellha tigi esegwita kien ta’ sitt (6) snin mid-data tal-ftehim, ghaldaqstant il-jum li fih il-kredituri setghu jezercitaw l-azzjoni odjerna biex jithallsu l-ammont misluf u l-imghax fuqhu kien fid-29 ta’ Novembru tas-sena 2000.

Billi l-avviz gie pprezentat fit-18 ta’ Settembru tas-sena 2001, jirrizulta illi fil-gurnata li fiha setghu jezercitaw l-azzjoni sal-gurnata meta fil-fatt ezercitawha, ma kienetx ghadha lahqet ghadiet sena.

Ghaldaqstant ma kienetx ghadhu ddekorra il-perjodu ta’ (5) hames snin kontemplat mill-Artikolu 2156 (e) u (d) tal-Kodici Civili u konsegwentement qeghda tirrespingi l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni sollevata mill-konvenut, Anthony Attard;

Bl-ispejjez riservati ghall-gudizzju finali

--------------------------------TMIEM--------------------------------